MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 45/2013

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Ultima Nails Limited [C-36357]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-28 ta' Jannar, 2013** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta'elf mitejn sebgha u sebghin euro u sitta u ghoxrin centezmi ta' euro [€1,277.26c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Is-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannat thallas l-ammont ta' elf, mitejn u sebgha u sebghin Ewro u sitta u ghoxrin centezmi [€1,277.26c] rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenut abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti, u dan jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. VF 1'.

Illi, minkejja illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi b’talba ghall-pagament effettiv tal-ammont hawn reklamat, hi baqghet inadempjenti bil-konsegwenza illi kellha tigi adottata din il-procedura.

Bl-ispejjez inkluzi dawk konnessi mal-ittra ufficjali bin-numru 2804/12 u mal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 3218/12 u bl-imghax legali mid-data ta’ meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta, u bl-ingunzjoni ta’ rapprezentant debitament awtorizzat mis-socjeta’ konvenuta ghas-subizzjoni tieghu”.

Ra li s-socjeta intimata giet debitament notifikata bit-talba u bl-avviz tas-smiegh skond il-ligi wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni u li sas-seduta tal-lum baqghet ma pprezentat l-ebda risposta u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha.

Semgha’ x-xhieda ta’ l-Avukat Dottor Andre Portelli in rapprezentanza tas-socjeta rikorrenti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand is-socjeta intimata, tas-somma komplessiva ta’ €1,277.26c rapprezentanti hlas ta’ servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenut abbazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti.

Ikkunsidra;

2. Ix-xhud l-Avukat Dottor Andre Portelli ddikjara li s-socjeta intimata fadalha thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ elf mitejn sebgha u sebghin euro u sitta u ghoxrin centezmi ta’ euro [€1,277.26c] u li minkejja li giet interpellata biex thallas dan l-ammont hija baqghet ma ghamlitx dan.

3. Ra l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kapitolu 380 u ra li la s-socjeta intimata u lanqas rapprezentant taghha ma dehru ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Fin-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tas-socjeta intimata u in vista tax-xhieda guramentata ta' l-Avukat Dottor Andre Portelli t-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammonti mitluba mis-socjeta rikorrenti huma dovuti.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf mitejn sebgha u sebghin euro u sitta u ghoxrin centezmi ta' euro [€1,277.26c] bl-imghaxijiet legali mid-data ta' meta dawn l-ammonti kienu dovuti.

L-ispejjez huma kollha a kariku tas-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------